# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 49**

**26 ta' Ġunju 2019**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Saviour Borġ – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farruġia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

George Refalo – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ ippresjeda l-Laqgħa.

**49.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.**

46.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija. Intqalgħet it-talba tal-bidu. Minħabba li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija, il-Laqgħa tkompliet skont l-Aġenda.

**49.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

49.2.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ, għarraf lill-membri tal-Kunsill li skont iċ-Ċirkulari Numru 7, maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 10 ta' Mejju 2019, fis-26 ta' April 2019, Avviż Legali Numru 87 tal-2019 daħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet kollha tal-Att Numru XIV tal-2019, li jkompli jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363), minbarra Artikli 30 u 71 tal-imsemmi Att.

49.2.2 Wara, is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ, ta ħarsa lejn il-ħidma tal-Kunsill li twettqet matul ix-xhur ta' Mejju u Ġunju 2019 fejn fost ħafna inizzjattivi li twettqu, semma' li ġiet organizzata b'suċċess Ħarġa Soċjo-Kulturali oħra f'Malta nhar il-Ħadd, 5 ta'Mejju, 2019 li għaliha kien hemm konkorrenza tajba ħafna ta' 43 persuna fosthom is-Sindku nniffsu u l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef, fejn saru żjajjar fis-Salini tal-Melħ fis-Salina, il-Kappella Medjevali ta' San Ġorġ li tinsab ġewwa Birżebbuġia, il-Festa ta' San Publiju ġewwa l-Floriana flimkien mal-Belt Valletta kif ukoll l-Irdumijiet ta' Ħad-Dingli.

49.2.3 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li wara li Kunsill kien ipparteċipa fl-iskema Rebbiegħa fil-Komunità – Xettel b'Ilwien in-Natura offruta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-Kunsilli interessati, il-Kunsill kien irċieva tlett *vouchers* li jintitolawh għall-ħames mitt(550) pjanta Petunia u li dawn tħawwlu fit-toroq u ż-żoni magħżula biex jissebbħu bihom li kienu It-Toroq il-Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard Le Marchant; il-Playing Field ta' fejn il-Knisja; l-Isqaq ta' Kaputt flimkien mal-Belvedere ta' Fuq l-Għajn ta' Bendu, kif ukoll li Uffiċċjali mid-Dipartiment kienu għamlu l-ispezzjoni tagħhom f'dawn iż-żoni minħabba li dawk il-Kunsill Lokali parteċipanti daħlu awtomatikament f'kompetizzjoni li jistgħu jirbħu premijiet fi flus. Is-Sindku informa lill-membri ukoll li minħabba li l-ammont ta' pjanti offruti ma' kull voucher instab li kien biżżejjed, il-Kunsill uża biss *voucher* wieħed minn tlieta bil-ħsieb li l-oħrajn jużahom aktar tard matul is-sena fl-istess żoni.

49.2.4 Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill li għal darb'oħra l-Kunsill organizza Festa Tfal 2019 flimkien mal-Parroċċa u li nżammet nhar il-Ħadd, 9 ta' Ġunju fuq iz-Zuntier tal-Knisja Parrokkjali u li għaliha attendew numru sabiħ ta' tfal kemm mill-Lokalità kif ukoll barranin. Hu

semma ukoll li sar il-*feature* tal-Festa u li ntwera b'suċċess lejliet il-Festa qabel il-ħruq tal-logħob tan-nar, kif ukoll li hu flimkien mal-Kunsilliera Carmel Farrugia u Horace Micallef attendew għall-Pontifikal tal-Festa Titulari fuq stedina tal-Kappillan li kienet miftuħa għall-membri tal-Kunsill Lokali kollha u li wara l-Pontifikal tqassmu tlieta u għoxrin ikla lil dawk l-anzjani li jgħixu waħedhom. Is-Sindku semma' ukoll li l-Kunsill ħa ħsieb li jsir it-tindif fil-granet tal-Festa tat-toroq li huma responsabbilta' tal-Kunsill filwaqt li kkoordina t-tindif ta' dawk it-toroq tal-Ministeru għal Għawdex.

49.2.5 Is-Sindku ħass li għandu jinforma lill-Kunsill li għall-ewwel darba kemm ilu imwaqqaf il-Kunsill Lokali Fontana, is-Sindku ma kienx avviċinat sabiex jikteb il-Messaġġ tiegħu fil-ktejjeb ippublikat mill-Parroċċa L-Għajn il-Kbira, kif s'issa sar dejjem.

49.2.6 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ bi pjaċir ħabbar li l-ktieb bl-isem Il-FONTANA U ĠRAJJIETHA - Mill-Qedem sa' Żminijietna, li ġie ippubblikat f'għeluq il-ħamsa u għoxrin(25) sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali, tqassam f'kull residenza tal-Fontanin mingħajr ħlas kif ukoll intbagħtet pubblikazzjoni lill-Prim Ministru Dr Joseph Muscat, kif ukoll ġiet preżentata kopja lill-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Adrian Delia u lill-President tar-Reġjun Għawdex Dr Samuel Azzopartdi, filwaqt li intbagħtu żewġ pubblikazzjonijiet oħra lil-Libreriji ta' Għawdex u ta' Malta sabiex jinżammu fil-Melitensia. Bi pjaċir esprima ukoll li s'issa kemm hu personalment kif ukoll il-Kunsill kellhom rispons pożittiv u nkoraġġanti għal din il-pubblikazzjoni tal-ktieb tant li ħafna diġà jixtiequ jkunu jafu l-prezz sabiex jixtru aktar kopji.

Wara diskussjoni interessanti l-Kunsill qabel li dan il-ktieb għandu jkun offrut għall-bejgħ ukoll għall-prezz ta' €20 għal kull kopja.

49.2.7 Is-Sindku bi pjaċir ħabbar li diġà twaħħlu żewġ fanali fi Trejqet Grezzja Grima simili ta' dawk li twaħħlu fi Triq il-Qalb ta' Ġesu sabiex ikunu kumplimentari kif ukoll li fl-aħħar kienet waslet kunsinna ta' sitta u għoxrin(26) fanal LED fuq stil klassiku u li mistennija jitwaħħlu fil-granet li ġejjin fi Toroq is-Sajjieda, San Martin u Wied Siekel kif ukoll fi Trejqet Dun Ġużepp Grima u Trejqet Wara l-Idjar.

49.2.8 Fl-aħħar is-Sindku ħabbar ukoll li tlestew u tpoġġew f'posthom ukoll erba' qsari kbar għall-fjuri magħmula fl-irħam li tqegħdu tnejn mal-Monument tas-Sajjieda u tnejn oħra quddiem il-Monument tal-Logħob tan-Nar; twaħħlu ħames(5) bins ġodda tal-iskart madwar il-Lokalità fit-Toroq John Gaspart Le Marchant, Ta' Mulejja u l-Isptar San Ġiljan, fil-Belvedere ta' Fuq l-Għajn ta' Bendu, fejn iċ-Ċentru Parrokkjali; kif ukoll li bħalissa qegħdin jitqassmu pakketti ta' boroż għall-iskart organiku b'xejn lil kull residenza, kif ukoll li l-Kunsill Lokali qiegħed diġà jirreġistra l-applikazzjonijiet ta' dawk l-anzjani li huma interssati fil-Passaport ta' Heritage Malta grazzi għal ftehim li l-Kunsill għamel ma' Heritage Malta flimkien mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali(AKL) fejn qiegħed jiġi offrut b'xejn Passaport lill-Anzjani li jiggarantixxi dħul b'xejn u bla limitu fil-Mużewijiet u s-Siti Storiċi kollha ta' Heritage Malta għajr l-Ipoġew u li dawn l-anzjani li jistgħu jkunu akkumpanjati ukoll minn żewġ żgħażagħ li huma wkoll ikunu jistgħu jidħlu mingħajr ħlas.

49.2.9 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg, temm l-intervent tiegħu billi semma’ kif tlesta ukoll l-proġett tal-installazzjoni ta’ sistema tal-arja kundizzjonata fis-Sala tal-Komunità mill-Kumpanija X-Treme Technologies u li diġà żżanżnu fir-riċeviment tal-festin ta’ Mons. Rużar Borġ f’għeluq is-Sittin Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali, kif ukoll li ġew ukoll spezzjonati mill-Kumpanija *Galea Curmi Engineering* u li l-pagament rispettiv ser jitressaq għall-approvazzjoni jew mod ieħor aktar tard fil-Laqgħa.

49.2.10 B’konnessjoni mas-Sala tal-Komunità, is-Sindku għarraf lill-Kunsill li matul l-Elezzjonijiet li nżammu fil-25 ta’ Mejju 2019, il-Kummissjoni Elettorali kient talbet sabiex tikri bi ħlas is-Sala sabiex isservi bħala l-Post tal-Votazzjoni għall-Fontanin kollha, kif ukoll li x-xogħolijiet ta’ tiswija fis-Sala kawża tal-ħsarat li ġarbet u li ser jitħallsu mill-Kuntrattur Mica Med, bdew u li ser jitkomplew issa li għaddiet il-Festa Titulari

## 49.3 *Performance Bonus* tal-Impjegati tal-Kunsill

49.3.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li hu sab il-*Performance Appriasals* għas-sena 2018 u 2019 tal-Iskrivan s-Sur Christopher Buhagiar li kienu miktuba mis-Segretarji Eżekuttivi preċedenti u qiegħed jippreżentahom flimkien ma’ dak tiegħu ukoll għall-approvazzjoni jew mod ieħor tal-Kunsill minħabba li l-istess impjegat ma għadux jaħdem mal-Kunsill minħabba li sab xogħol ieħor mal-privat.

49.3.2 Wara diskussjoni qasira il-membri qablu li jiġu preżentati il-*Performance Appraisals* li jkopru l-perijodu bejn Jannar u Diċembru 2018 biss, filwaqt li dawk ta’ din is-sena għandhom jiġu preżentati biss fl-aħħar ta’ din is-sena flimkien ma’ dawk tal-impjegati l-oħra li jkunu jaħdmu mal-Kunsill matul din is-sena kif normalment jiġri f’kull każ.

49.3.3 Wara diskussjoni oħra qasira dwar kemm għandu jingħata perċentwal għas-sena 2018, is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ, stqarr li ma jaqbilx mar-rakkomandazzjonijiet li saru fil-*Performance Appraisals* kif preżentati mis-Segretarji Eżekuttivi preċedenti għar-raġuni li għal diversi drabi kemm hu kif ukoll il-membri tal-Kunsill kienu ġew infurmati mod ieħor dwar l-iskrivan mentri imbagħad l-istess Segretarji taw *Performance Appraisal* rakkomandabbli lill-istess skrivan, u dan filwaqt li aċċenna għal-laqgħa mhux formali li kienet inżammet wara li kienet ġiet aġġornata dik ta’ Frar 2018.

49.3.4 Għalhekk, wara diskussjoni oħra interessanti fejn il-membri ikkonfermaw dak li kien għadu kif intqal, is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ ippropona li s-Sur Buhagiar għanu jingħata il-perċentwal ta' erbgħa fil-mija (4%) filwaqt li fakkar li l-inqas perċentwal li impjegat tal-Kunsill jista’ jingħata hu ta’ tlieta fil-mija(3%) u l-aktar hu ta’ sitta fil-mija(6%).

49.3.5 Minħabba li l-Kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca spjegaw li irrispettivament minn kollox, il-Kunsill għandu jikkunsidra biss ir-rakkomandazzjonijiet tal-*Performance Appraisals* kif preżentati, stqarrew li s-Sur Buhagiar għandu jingħata il-perċentwal ta' ħamsa fil-mija (5%).

49.3.6 Għaldaqstant, minħabba li s-Sindku s-Sur Saviour Borġ u l-Kunsillier is-Sur Carmel Farrugia kienu jaqblu li għandu jingħata perċentwal ta' ta' erbgħa fil-mija (4%) filwaqt il-Viċi-Sindku s-Sur Victor Cefai u l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef u s-Sur Mario Mercieca kienu jaqblu li għandu jingħata perċentwal ta' ħansa fil-mija (5%), is-Sur Christopher Buhagiar kellu jingħata il-perċentwal ta' ħamsa fil-mija (5%) għas-sena 2018.

## 49.4 Ħruġ u Evalwazzjoni ta' Offerti.

49.4.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ, filwaqt li fakkar li l-offerta għat-tqegħid tal-pavimentar bil-profido wara l-Knisja kienet ġiet ippubblika u li meta għalqet u eventwalment evalwata ukoll, l-uniku offerent, il-Kumpanija *Idea Plan Limited* ma' kinitx ġiet aċċettata minħabba li l-offerta mixħuta ma kinitx teknikament konformi ma' dak mitlub fl-offerta, bil-konsegwenza li l-Kunsill kien qabel ukoll li wara li jingħalaq iż-żmien tal-appell din l-offerta għandha terġa' tiġi ippubblikata, il-Kunsill kien reġa' ippubblika din is-sejħa għal darb'oħra fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju 2019 u li sad-data tal-għeluq li kienet nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju, 2019, il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda offerta.

Wara diskussjoni interessanti, il-Kunsill qabel li din l-offerta għandha terġa' tiġi ippubblikata mill-ġdid.

49.4.2 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, għarraf lill-Kunsilliera li wara li l-Kunsill approva l-iffirmar tal-Kuntratt mal-Kumpanija Gatt Tarmac Ltd sabiex jinbeda r-*resurfacing* bit-tarmak ta' Triq il-Għajn, li ser issir minn fondi mogħtija appositament mill-Ministeru għal Għawdex, l-Kunsill fuq parir tal-Perit Anthony Bezzina kif ukoll bl-iskop li x-xogħolijiet isiru bl-inqas inkonvenjent kemm għar-residenti kif ukoll għat-traffiku li jgħaddi mill-inħawi, mill-ewwel kien jaqbel li l-proġett għandu jinqasam fuq żewġ fażijiet fejn fl-ewwel fażi ssir dik il-parti tat-triq li minn Pjazza t-Tomba tasal sa' Triq il-Qalb ta' Ġesu biex imbagħad wara l-Festi Titulari titkompla t-tieni fażi li tikkonsisti minn Triq il-Qalb ta' Ġesu u li twassal sa' Triq il-Kappillan Hili, biss meta l-Kunsill laqqa' lill-Kuntrattur mal-Perit tal-Proġett bit-tama li filwaqt li jiġu ċċarati dawn il-punti tinstab soluzzjoni għal kif jkun l-aħjar mod li jsir ix-xogħol f'din it-Triq arterjali u fl-aħjar interess tal-partijiet kollha involuti u b'mod speċjali bl-inqas inkonvenjent għar-residenti li jgħammru fl-istess triq, l-Inġinier tal-Korporazzjoni tal-Ilma li kien preżenti għall-istess Laqgħa kien informa lill-Kunsill li bilfors iridu jinbiddlu l-mejnijiet tad-drenaġġ l-ewwel minħabba li nstab li għadhom tal-fuħħar u li dawn ser jinbiddlu mill-Korporazzjoni tal-Ilma fl-istess waqt li l-Perit ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn ukoll li jinbidlu il-komunikazzjonijiet mill-mejn sad-djar minħabba li huma ukoll antiki u ma jifilħux għal dan ix-xogħol u għalhekk kollox jindika li x-xogħolijiet ser jinbdew fil-bidu ta' Lulju wara li tkun għaddiet ukoll il-Festa Liturġika tal-Qalb ta' Ġesù sabiex wara jinbdew ix-xogħolijiet u jitkomplew mingħajr ma jkollhom għalfejn jieqfu.

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li dalgħodu stess ġie infurmat mill-Inġinier tal-Korporazzjoni tal-Ilma li huma għandhom x'jaqsmu biss mal-mejn imma mhux mal-komunikazzjonijiet tad-djar u li allura jfisser li għal dawn għandu jintalab aktar finanzjament mill-Ministeru għal Għawdex.

Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef propona li qabel ma ssir it-talba lill-Ministeru għal Għawdex, l-ewwel għandha tinġieb stima ta' dawn ix-xogħolijiet skont l-ispesifikazzjonijiet tal-Korporazzjoni imbagħad jiġi deċiż l-aħjar mod kif isiru dawn ix-xogħolijiet.

49.4.3 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, għarraf lill-Kunsilliera li l-offerta għall-ġbir taż-żibel kienet ġiet ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Mejju, 2019 u li sad-data tal-għeluq il-Kunsill kien irċieva żewġ offerti mingħand il-Kuntrattur Chris Gatt u oħra mingħand il-Kumpanja Tan-Naħli *Waste Collector*, kif ukoll li hu mistenni li l-Bord tal-Evalwazzjoni li ġie kompost fil-Laqgħa ta' April bi qbil tal-membri preżenti dakinhar, għandu jevalwa l-offerta sabiex Kunsill ġdid jkun jista' jieħu deċiżjoni skont l-eżitu tar-rapport.

Is-Sindku fakkar li ta' kull sena l-Kunsill kien joffri ġabra extra tal-borża s-sewda matul ix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru. Wara diskussjoni interessanti, il-membri qabblu li dan is-servizz għandu jerġa' jingħata ukoll din is-sena.

49.4.4 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, filwaqt li fakkar li l-kuntratt mal-iskemi awtorizzati mill-ERA biex isir il-ġbir tal-iskart separat tal-karta, metall, plastik u ħġieġ kien ser jiskadi fl-aħħar ta' Ġunju 2019, kif ukoll fakkar li b'referenza għaċ-Ċirkulari Nru 3/2019 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsilli Lokali kollha kienu mistiedna jaderixxu mal-Proċedura kif stabbilita b'konsultazzjoni mal-ERA dwar kif għandha ssir l-għażla ta' skema awtorizzata tal-ġbir ta' skart riċiklat meta jintemm il-Kuntratt attwali, għarraf lill-membri preżenti kif il-Kunsill Lokali Fontana kien bagħat ittra bil-miktub segwita ukoll b'*email* liż-żewġ skemi awtorizzati f'Malta li huma Greem MT u GreenPak Coop fejn ġew mistiedna sabiex fi żmien għaxar t'ijiem tax-xogħol jirrispondu bil-miktub l-interess tagħhom dwar il-ġbir ta' skart reċiklat fil-Lokalità minħabba li fl-aħħar ta' Ġunju 2019 jintemm il-kuntratt attwali u mhux xieraq li Kunsill Lokali ġdid jibda' bil-problemi, iżda ġara li sal-ħin tal-għeluq sabiex l-operaturi jagħtu r-risposta tagħhom bil-miktub, li kien l-10 ta' Mejju 2019, ħadd miż-żewġ operaturi ma wera interess fil-ġbir tal-iskart reċiklat tal-Kunsill Lokali Fontana u għaldaqstant kollox jindika li dawk il-Kunsilli Lokali f'Għawdex u f'Malta li fi Frar u f'Settembru 2018 kellhom il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart itterminat ħesrem minn wieħed mill-operaturi bil-konsegwenzi kollha li nqalgħu, hemm probabiltà kbira li dawn l-istess Kunsilli, bħall-Kunsill Lokali Fontana, ser jibqgħu mingħajr risposta meta dawn jibgħatu l-ittri tagħhom liż-żewġ skemi awtorizzatai. Għalhekk, il-Kunsill Lokali Fontana kien talab permezz ta' Ittra l-intervent u l-interċessjoni kemm tal-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, l-Onor. Dr. José Herrera u tal-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, l-Onor. Dr. Owen Bonniċi u tal-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Dr. Justyne Caruana u tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor. Silvio Parn kif ukoll tad-Direttur Ġenerali u d-Direttur għall-Gvern Lokali u tas-CEO, Wasteserv Malta u taċ-Chairman, Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi u tal-President Assoċjazzoni Kunsilli Lokali u fl-aħħar u mhux l-inqas tal-President tar-Reġjun Għawdex sabiex urġentament tinstab soluzzjoni dejjiema dwar il-ġbir ta' skart reċiklat f'numru ta' lokalitajiet partikulari minħabba li kollox jindika li numru ta' Kunsilli Lokali ġewwa Għawdex u Malta ser jerġgħu għal darb'oħra jispiċċaw bla servizz ta' ġbir ta' skart reċiklabbli.

Is-Sindku, filwaqt li spjega kif għall-benefiċċju tad-dubju, il-Kunsill Lokali Fontana kien reġa' bagħat l-istess ittri liż-żewġ skemi awtorizzati biex isir il-ġbir tal-iskart reċiklat bit-tama li

jinstab li l-ewwel darba kien biss żball ta' omissjoni min-naħa tal-operaturi, għarraf lill-membri preżenti li sad-data tal-għeluq tat-tieni sejħa, għal darb'oħra ħadd mill-Operaturi ma wera interess u għalhekk mill-ewwel kien ġie infurmat id-Direttur għall-Gvern Lokali li mill-ewwel talab lill-ERA sabiex tintervjeni skont kif tippermetti l-liġi filwaqt li l-President tal-AKL, is-Sur Mario Fava esiġa li l-ERA tassenja skema hi lil dawk il-Kunsilli li donnhom ser jintlaqtu.

Wara diskussjoni imqanqla fejn is-Sindku għarraf lill-Kunsill li saħansitra anke sabiex saret l-aħħar ġabra li kienet ilbieraħ, kellhom jintervjenu l-Awtoritajiet minħabba li l-Green MT kien hedded lill-Kollettur tal-Kunsill Lokali sabiex ma jipproċedix bil-ġbir, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri preżenti li wara l-aħħar inċident li ssemma' hu kien kiteb ukoll lid-Direttur fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex iżommu aġġornat u li baqa' li kemm-il darba jibqa' ma jirċievi xejn mill-ERA, jinfurmah sabiex tittieħed azzjoni minħabba li dan il-Kuntratt ser jiġi terminat fl-aħħar ta' Ġunju 2019.

49.4.5 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, filwaqt li semma' li l-Proġett Sort It Out, li kien jikkonsisti fit-tqassim ta' erba'(4) *bins* ikkuluriti lir-residenti mill-Kuntrattur Green Skips Services Limited sabiex ikun jista' jsir l-iskart separat fihom ġewwa d-djar stess, kien mitmum minħabba li l-kuntratt kien ġie fi tmiemu u li bħalissa l-pubbliku qiegħed ikun avżat fil-midjia mill-Kumpanija Wasteserv dwar aktar tqassim mill-*Amenity Site* f'Tal-Kus, limiti tax-Xewkija, bl-iskop li jiġi assigurat li kull resident li għal xi raġuni jew oħra ma ġabarx dawn il-bins jingħatawlu, għarraf lill-membri preżenti li sar kuntatt mal-Kumpanija Wasteserv sabiex filwaqt li għarrafhom kif sal-lum tletin(30) residenza fil-Fontana għadhom mingħajr dawn il-*bins* minħabba li skont id-*database* mogħtija mill-istess kuntrattur oriġinali dawn jidhru li ħaduhom meta ma huwiex il-każ tant li dawn meta kkuntattjati kkonfermaw li qatt ma ġabruhom huma personalment, jitlobhom jivverifikaw mar-residenti l-awtentiċità tal-firma li hemm fid-*database* imsemmija sabiex kemm-il darba jinstab li hi veru tagħhom dawn ma jingħatawx *bins,* filwaqt li kemm-il darba jinstab li mhux tagħhom dawn għandhom jingħataw il-*bins* bħal ħaddieħor.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur George Refalo, informa lill-Kunsill li ftit ħin qabel il-Laqgħa kien ġie mgħarraf sabiex kemm-il darba l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni, jekk il-Kunsill jiddikkjara li dawn ir-residenti verament ma ingħatawx bins, il-Wasteserv hija disposta li tikkunsidra li lil dawn jingħatawlhom il-bins li għalihom huma intitolati.

49.4.6 Is-Sindku s-Sur Saviour Borġ, filwaqt li għamel referenza għad-diskussjoni li saret fi ħdan ir-Reġjun Għawdex kif ukoll dwar il-qbil li kien hemm fost il-Kunsilli kollha ta' Għawdex dwar il-proposta li r-Reġjun Għawdex jippubblika s-sejħa b'rabta mal-ħatra ta' *Data Protection Officer*, l-offerta kienet ġiet ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa 3 ta' Mejju 2019 u li sad-data tal-għeluq li kient il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2019, ir-Reġjun Għawdex kien irċieva tlett(3) offerti u li wara li l-offerti ġew evelwati, ir-Reġjun Għawdex kien approva r-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjon sabiex issa d-*Data Protection Officer* tal-Kunsilli kollha ta' Għawdex hija l-Kumpanija *M2 Company Limited* li ser tkun qegħda titħallas madwar €300 ta' darba sabiex tagħmel awdittjar lill-Kunsill Lokali, kif ukoll €300 oħra fix-xahar għas-servizz ta' *Data Protection Officer* ta' kull Kunsill Lokali ta' Għawdex. Wara diskussjoni fejn is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ informa lill-Kunsill li r-Reġjun Għawdex kien kiteb lid-Direttur sabiex jiġi rivedut il-baġit allokat lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex minħabba li din l-ispiża mensili ma kinitx

prevista u kkunsidrata fit-tfassil tal-allokazzjoni kif mogħtija lill-Kunsilli Lokali rispettivi, għarraf ukoll lill-Kunsill li l-Kuntratt tar-Reġjun Għawdex hu għal sena u li kull Kunsill jista' jiddeċidi li jitterminah wara sena sakemm jinstab xi ħadd li jaċċetta l-inkarigu ta' *Data Protection Officer* tal-Kunsill Lokali Fontana.

## 49.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

49.5.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti spjega tal-pagamenti li kienu qegħdin jiġi preżentati għall-approvazzjoni jew mod ieħor tal-Kunsill Lokali Fontana.

49.5.2 Wara l-ispjega sodisfaċenti li ngħatat mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv fejn ġie imfisser kull ħlas rispettiv, il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti li tammonta għal €65,520.14ċ kif annessa mal-minuti.

## 49.6 Materji Oħra.

49.6.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur George Refalo, filwaqt li fakkar kif fl-aħħar Laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill kien talab lill-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea sabiex fit-tweġiba għall-*Management Report* għas-sena 2018 kif ukoll tal-*Mid-Term Report* jinkludi dawk il-kjarfiki diskussi minħabba li nstab li għad fadal żmien biżżejjed sabiex ikunu imwieġba, reġa' ressaq l-istess ittri emendati għall-attenzjoni tal-Kunsill biex eventwalment tkun approvata r-risposta u tiġi iffirmata mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tintbagħat sad-data indikata.

49.6.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsilliera li l-Kunsill kien irċieva rikjesta bil-miktub mibgħuta mill-Kunsill Lokali Ta' Kerċem f'isem il-Kumitat Festa Għajn Tuta, fejn qegħdin jitolbu li jingħataw permess sabiex nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju 2019 tingħalaq Triq ix-Xlendi mid-9pm sal-10.15pm sabiex ikun jista' jsir il-logħob tan-nar tal-Festa bħas-soltu.

Wara diskussjoni interessanti fejn issemmew numru ta' ilmenti li l-Kunsill Fontana irċieva mingħand is-sidien li għandhom l-għelieqi fil-madwar ta' fejn jingħata l-logħob tan-nar, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan il-permess sakemm is-sidien tal-għelieqi fil-madwar isofru lanqas inkonvenjent possibbli.

49.6.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsilliera li l-Kunsill kien ġie mitlub sabiex sal-aħħar ta' Ġunju jippreżenta l-irċevuti marbuta max-xiri ta' apparat li l-istess Kunsill kien ingħata l-fondi biex jixtrihom bħala parti mill-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-proġett ta' *Life Long Learning* u li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv kien qiegħed jiġbor kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw *laptops* jew kompjuters għall-ħtieġa tal-Kunsill u li jistgħu anke jintużaw fil-Librerija tal-Kunsill Lokali fil-futur.

Il-membri qabblu li għandhom jinxtraw mingħandl-irħass offerent wara li jinġabru kwotazzjonijiet sabiex ma jintilfux dawn il-fondi.

49.6.4 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ ippropona ukoll li jitwaħħlu xtieli fil-qsari ta' Sqaq Ta' Kaputt minħabba li kollox jindika li ittieħdu, kif ukoll tinxtara xema għan-niċċa tas-Salvatur, kif ukoll biex jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku kollha tal-Lokalità.

Il-membri approvaw dawn l-inizzjattivi.

49.6.5 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ fakkar li għall-bidu ta' Lulju kienet tinżamm ġita għal Sqallija u li minħabba l-Elezzjonijiet, din is-sena ma saritx.

Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li din għandha ssir bħas-soltu imma aktar tard matul is-Sajf, possibilment qrib l-aħħar tax-xahar ta' Awwissu jew bidu ta' Settembru 2019

## 49.7 Tmiem tal-Laqgħa

49.7.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ, f'ismu u f'isem il-Kunsill Lokali u l-Poplu tal-Fontana, irringrazzja mill-qalb lill-membri kollha ta' dan il-Kunsill tal-ħidma fi ħdan il-Kunsill Lokali Fontana matul din il-Leġislatura fl-aħjar interess tal-Lokalità tal-Fontana filwaqt li preżenta għan-nom ta' sħabu fil-Kunsill, preżenta lill-Viċi-Sindku, is-Sur Victor Cefai u lill-Kunsillier is-Sur Mario Mercieca li ma reġgħux ikkontestaw l-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali li nżammu fil-25 ta' Mejju 2019, replika tal-Għajn il-Kbira bħala tifkira dejjiema tal-ħidma favur il-Lokalità.

49.7.2 Il-Laqgħa ntemmet fis-7.37p.m. u ġiet aġġornament għall-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju 2019 fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| *Iffirmata* | *Iffirmata* |
| **Saviour Borg** | **George Refalo** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |